# It-Tlieta u Għoxrin Lezzjoni: Fl-isem tal-Missier, ta' l-Iben u ta' l-iSpirtu s-Santu

- Alla wera lilu nnifsu bħala Alla wieħed, imma fl-istess ħin huwa magħmul minn Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla Spirtu s-Santu. Moħħna huwa żgħir wisq biex jifhem misteru bħal dan iżda bħala nsara aħna konvinti li għandna nemmnu fih. Sa mill-bidu li beda juri lilu nnifsu, Alla minn dejjem wera li li Hu biss huwa l-veru Alla u m'hemm l-ebda alla ieħor għajru.
- Għal-Lhud fit-Testment il-qadim, din ma kinitx ħaġa sempliċi ħafna biex tifhimha iżda bis-saħħa tal-profeti u tat-tagħlim imnebbaħ minn Alla, fehmu li hemm Alla wieħed fuq kollox u fuq kulħadd li huwa kbir u qawwi. Kull ħaġa li teżisti ħalaqha hu skond ir-rieda tiegħu.
- L-ewwel Kmandament jgħidilna: *Jien hu Alla sidek ma jkollokx alla ieħor għajri*. Alla veru huwa dak li kien jgħix minn dejjem u jibqa' għal dejjem.
- Meta Kristu beda jgħallem, huwa qal li jeżisti biss Alla wieħed u li huwa ħaġa waħda miegħu. Huwa qalilna: *Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda... Dak kollu li għandu l-Missier huwa wkoll tiegħi... Min jara lili, jara lill-Missier*. B'hekk nistgħu ngħidu li Ġesu` huwa Alla daqs il-Missier.
- Bħala Alla, Ġesu' kien jgħix minn dejjem, iżda bħala bniedem, Ġesu' twieled fostna madwar elfejn sena ilu.
- L-iSpirtu s-Santu huwa t-tielet persuna li nqisuha bħala Alla. Huwa magħruf ukoll bħala l-ispirtu t'Alla jew spirtu qaddis. Fuqu Ġesu' għallimna li huwa wkoll kien jgħix minn dejjem miegħu u mal-Missier. Fil-fatt Ġesu' bagħat lill-Appostli biex jgħammdu lill-insara u qalilhom: *Għammduhom fl-isem tal-Missier, ta' l-Iben u ta' l-iSpirtu s-Santu.*
- B'hekk aħna nemmnu li dawn it-tliet persuni huma Alla wieħed. Dan insejħulu l-misteru tat-Trinita' Qaddisa. Alla l-Missier li ħalaqna u

għamilna wliedu; l-Iben li sar bniedem biex isalvana; l-iSpirtu s-Santu li jagħtina d-dawl u l-qawwa biex ngħixu ħajja nisranija tajba.

- L-għaqda bejn it-tliet persuni tat-Trinita' Qaddisa tidher ċara fit-talba ta' Ġesu' fl-Aħħar Ċena: *Ħa jkunu ħaġa waħda bejniethom bħalma aħna ħaġa waħda.* Hawnhekk Ġesu' juri li jixtieq li l-Knisja tiegħu tkun magħquda.
- Fil-Bibbja naraw żewġ ġrajjiet ewlenin fejn tidher it-Trinita' Qaddisa: fil-Magħmudija ta' Kristu fejn naraw lill-Missier bħala leħen li jgħid, *Dan huwa Ibni l-għażiż fih insib il-għaxqa tiegħi*; lill-Iben f'sura ta' bniedem li qed jitgħammed u lill-iSpirtu s-Santu bħala ħamiema simbolu ta' paċi. Dan narawh skond l-Evanġelju ta' San Mattew. Narawha wkoll fit-Trasfigurazzjoni fejn naraw lil Alla bħala dawl qawwi, lill-Iben fil-ġisem glorjuż tiegħu u lill-iSpirtu s-Santu bħala sħaba.